

Brussell, 18 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13338/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0269 (NLE)

PECHE 363

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 478 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi għall-2027 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 478 final.

Mehmuż: COM(2026) 478 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.9.2026
COM(2026) 478 final

2026/0269 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi għall-2027 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-regolamenti kollha dwar l-oportunitajiet tas-sajd iridu jillimitaw il-ħsad tal-istokkijiet tal-ħut għal livelli konsistenti mal-oġettivi kumplessivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (ir-“Regolament Bażiku tal-PKS”)¹ jipprevedi li jiġu stabbiliti l-limiti tal-qbid u tal-isforz tas-sajd biex jiżgura li r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jiġu sfruttati f’kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli. Bi qbil ma’ dawk l-oġettivi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2019/1022 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qieġ fil-Punent tal-Mediterran².

Din il-proposta għal Regolament tal-Kunsill għandha l-oġettiv li tiffissa l-oportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u għal ċerti gruppi ta’ stokkijiet fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed.

Għall-Punent tal-Mediterran, din il-proposta tistabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet tal-ħut tal-qieġ f’konformità mal-pjan pluriennali. L-oportunitajiet tas-sajd huma espressi f’termini tal-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-istokkijiet kollha. Barra minn hekk, il-limiti tal-qbid massimi huma stabbiliti għall-gamblu l-abjad u għall-merluzz li jinqabdu b’tipi speċifiċi ta’ rkaptu tas-sajd. Qed jiġi propost li dawk il-limiti jiġu allokat li l-Istati Membri tal-Punent tal-Mediterran (Spanja, Franza u l-Italja).

Barra minn hekk, qed jiġi propost ukoll li jiġu ffixxati l-oportunitajiet tas-sajd skont il-ftehimiet li ntlaħqu fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM), li hija organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd responsabbli għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-Baħar fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed. L-Unjoni Ewropea hija membru tal-GFCM, u daqstant ieħor huma l-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja. Il-miżuri adottati mill-GFCM huma vinkolanti fuq il-membri tagħha.

Fl-aħħar nett, qed jiġi propost li tiġi ffixxata kwota awtonoma għal-laċċa l-kaħla tal-Baħar l-Iswed biex ikun evitat li l-mortalità mis-sajd taqbeż il-livelli attwali.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika kkonċernat

Il-miżuri proposti huma konsistenti mal-oġettivi u r-regoli tal-PKS.

• Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma’ politiki oħrajn tal-UE, b’mod partikolari fil-qasam tal-ambjent.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>).

² Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qieġ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1022/oj>).

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għal din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' fi ħdan il-kompetenza esklużiva tal-UE, skont l-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta talloka opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri f'konformità mal-oġġettivi tar-Regolament Bażiku tal-PKS, il-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran, u l-eżiti tal-laqgħa annwali tal-GFCM. Skont l-Artikoli 16 (6) u (7) u l-Artikolu 17 tar-Regolament Bażiku tal-PKS, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu kif jiddistribwixxu l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fost il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom abbażi ta' ċerti kriterji. Dan jagħti diskrezzjoni konsiderevoli lill-Istati Membri biex iqassmu l-opportunitajiet tas-sajd skont il-mudelli soċjali u ekonomiċi tagħhom.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament jitqies l-aktar strument xieraq għax dan jista' jistabbilixxi rekwiżiti li jkunu japplikaw direttament għall-Istati Membri u għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati. Dan jgħin biex tkun żgurata implimentazzjoni fil-ħin u b'mod armonizzat, li tipprovdi aktar ċertezza legali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post* / kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tas-5 ta' Ġunju 2026 imsejħa "Is-sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2027" (COM(2026) 271 final)³.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-valutazzjoni tal-istat tal-istokkijiet fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed tkun bbażata fuq l-aħħar ħidma tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv tal-GFCM dwar is-Sajd.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamenti dwar l-opportunità tas-sajd huwa stabbilit bl-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

³ <chrome-extension://efaidnbmnnnibpcajpcglclefindmkaj/https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=COM:2026:271:FIN>.

Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti mill-GFCM fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, din il-proposta tipproponi l-implimentazzjoni tal-miżuri maqbula internazzjonalment. Kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatt possibbli tal-opportunitajiet tas-sajd ser tiġi ttrattata fit-tnejn ta' t-tliet ta' negozjati internazzjonali biex jintlaħaq qbil dwar l-opportunitajiet tas-sajd tal-Unjoni ma' partijiet terzi.

Il-proposta ma tirriflettix biss tħassib fl-immedjat, iżda anki approċċ aktar fit-tul, li permezz tiegħu l-isforz tas-sajd jiġi aġġustat gradwalment għal livelli sostenibbli fit-tul.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari dawk rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ u l-konformità se jkunu żgurati f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009⁴.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tipproponi l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2027 għal ċerti stokkijiet jew gruppi ta' stokkijiet fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, kif stabbilit f'aktar dettall hawn taħt.

A. Implimentazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali tal-Punent tal-Mediterran

Skont il-pjan pluriennali għas-sajd tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran, il-Kunsill irid jistabbilixxi l-isforz tas-sajd massimu permissibbli, għal kull Stat Membru, għall-bastimenti tat-tkarkir li jisfruttaw l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran. Dan se jinqasam skont il-grupp tal-isforz tas-sajd u l-grupp tal-istokkijiet kif elenkati fl-Anness I tal-pjan.

Il-pjan pluriennali jistabbilixxi wkoll miri u miżuri għall-ġestjoni fit-tul tal-istokkijiet li jkopri. Fl-2025 il-pjan daħal f'fażi fit-tul li fiha l-meded tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) japplikaw skont l-Artikoli 4 u 6. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd għall-2027 se jkunu bbażati fuq il-meded ipprovduti mill-STEFCF, li se jintużaw biex jiġu vvalutati diversi għażliet ta' ġestjoni.

Skont l-Artikolu 7(5) tal-pjan pluriennali, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli jista' jiġi stabbilit ukoll għall-irkaptu tas-sajd għajr ix-xbieki tat-tkarkir abbażi tal-parir xjentifiku. Dan

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (<http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/2026-01-10>).

jista' jsir biex jinżamm il-livell stmat ta' mortalità mis-sajd li jagħmilha possibbli li jinkiseb u jinżamm ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fit-tul, b'xejra tas-sajd partikolari u taħt il-kundizzjonijiet ambjentali medji attwali.

Il-STEFCF (STEFCF 25–11, STEFCF-24–10 u PLEN-24–03) ta' parir li kien meħtieġ b'mod urġenti approċċ olistiku biex titnaqqas il-mortalità mis-sajd, b'mod partikolari għall-merluzz, in-nephrops u l-gamblu tal-fond. Dan jista' jsir billi jiġu adottati miżuri ta' sforz għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, flimkien ma' limiti ta' qbid għall-bastimenti tas-sajd bix-xbieki li jistadu għall-gamblu tal-fond u għall-merluzz. Abbażi ta' dan il-parir, il-limiti tal-qbid ġew inklużi fir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2022/110⁵, (UE) 2023/195⁶, (UE) 2024/259⁷, (UE) 2025/219⁸ u (UE) 2026/266⁹ li jiffissaw l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022, l-2023, l-2024, l-2025 u l-2026. Il-Kummissjoni tipproponi li tkompli b'dan l-approċċ fl-2027, minkejja li r-reġim tranżizzjonali skont l-Artikolu 7(3) tal-pjan pluriennali skada. Dan għax l-Artikolu 7(1)(e) tar-Regolament Bażiku tal-PKS li jtenni li "Il-miżuri għall-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jistgħu jinkludu (...) miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd".

Għadd ta' opportunitajiet tas-sajd f'din il-proposta huma mmarkati "pm" (pro memoria), pendent fuq il-parir xjentifiku tal-STEFCF li kien għadu ma ħariġx waqt l-adozzjoni tal-proposta. Il-proposta se tiġi aġġornata permezz ta' dokument informali ladarba l-parir rilevanti jsir disponibbli.

Barra minn hekk, din il-proposta tinkludi mekkaniżmu ta' kumpens, li ġie stabbilit għall-ewwel darba fl-2022 biex jippromwovi l-użu ta' rkapti selettivi u żoni ta' għeluq biex jiġu protetti l-frieħ tal-ħut u l-ħut riproduttivi. Id-dettalji speċifiċi se jiġu stabbiliti fid-dokument informali ladarba jsir disponibbli l-aktar parir reċenti tal-STEFCF.

B. Miżuri tal-GFCM fil-Baħar Mediterran

- Il-kapaċità massima tal-flotta u l-iffriżar tal-irkapti li jiġmgħu l-ħut (FADs) għal kull bastiment, kif ukoll il-limiti tal-qbid massimi għal-lampuka fil-Baħar Mediterran kollu skont il-pjan ta' ġestjoni pluriennali tal-GFCM tal-2023 (GSAs 1 sa 27 tal-GFCM)

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/110/oj>).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/195/oj>).

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/259 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2024/259, 11.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/259/oj>).

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/219 tat-30 ta' Jannar 2025 dwar l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2025/219, 4.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/219/oj>).

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/266 tat-26 ta' Jannar 2026 dwar l-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2026 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2026/266, 30.1.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/266/oj>).

Fil-laqqha annwali tagħha li jmiss f'Ottubru 2026, il-GFCM mistennija tadotta rakkomandazzjoni ġdida li tistabbilixxi l-fażi fit-tul tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali, inklużi l-limiti ta' qbid għall-lampuki għall-2027. Bħal fl-2026, il-Kummissjoni tipproponi li tkompli timplimenta l-limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta għall-irkapti li jiġmgħu l-ħut (FADs) li jistadu għall-istokk tal-lampuka. Dak il-limitu massimu tal-kapaċità huwa bbażat fuq il-kapaċità rrappurtata lill-GFCM fl-2019.

- Il-livelli tal-qbid massimi għall-inċova u għas-sardina, u l-miżuri għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar skont il-pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-2021 tal-GFCM (GSAs 17 u 18)

Fil-laqqha annwali li jmiss ta' Ottubru 2026, il-GFCM mistennija tadotta rakkomandazzjoni ġdida biex tistabbilixxi l-limiti tal-qbid għall-pelaġiċi żgħar għall-2027. Bħal fl-2026, il-Kummissjoni tipproponi li tkompli timplimenta l-limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u għall-bastimenti tat-tkarkir pelaġiċi li jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar. Dak il-limitu massimu tal-kapaċità huwa bbażat fuq il-kapaċità rrappurtata lill-GFCM fl-2014.

- Il-limiti tal-qbid massimu għall-gamblu l-abjad, u l-isforz tas-sajd massimu permissibbli u l-kapaċità tal-flotta għall-merluzz fil-Fliegu ta' Sqallija skont il-pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-2022 tal-GFCM (GSAs 12 sa 16)

Fil-laqqha annwali tagħha li jmiss ta' Ottubru 2026, il-GFCM mistennija tadotta rakkomandazzjoni ġdida li tistabbilixxi il-fażi fuq żmien twil tal-pjan ta' ġestjoni, inklużi l-limiti tal-qbid massimi għall-gamblu l-abjad u l-isforz tas-sajd massimu permissibbli u l-kapaċità tal-flotta għall-merluzz fil-Fliegu ta' Sqallija għall-2027.

- Il-kapaċità massima tal-flotta u l-limiti tal-qbid għall-gamblu l-aħmar il-kbir u għall-gamblu l-aħmar fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12 sa 16), fil-Baħar Jonju (GSAs 19 sa 21) u fil-Baħar Levantin (GSAs 24 sa 27) skont il-pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali rilevanti tal-GFCM

Fil-laqqha annwali tagħha li jmiss f'Ottubru 2026, il-GFCM mistennija tadotta rakkomandazzjonijiet ġodda li jistabbilixxu l-fażi fit-tul tal-pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali, inklużi l-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu tal-fond fil-Fliegu ta' Sqallija u fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levantin għall-2027. Bħal fl-2026, il-Kummissjoni tipproponi li tkompli timplimenta l-limiti massimi tal-kapaċità tal-flotta għall-flotot li jimmiraw għall-gamblu l-abjad skont il-pjanijiet pluriennali rispettivi tal-GFCM.

- Miżuri għall-paġella l-ħamra fil-Baħar Alboran skont il-pjan ta' ġestjoni pluriennali tal-GFCM (GSAs 1 sa 3)

Fil-laqqha tagħha li jmiss f'Ottubru 2026, il-GFCM mistennija tadotta rakkomandazzjoni ġdida biex tistabbilixxi limiti massimi ta' qbid għall-paġella ħamra fil-Baħar Alboran għall-2027, u b'hekk tkompli timplimenta l-fażi fit-tul tal-pjan ta' ġestjoni adottat fl-2025.

Il-proposta tinkludi sensiela ta' spazji riżervati għall-istokkijiet li għalihom il-miżuri tranżizzjonali tal-GFCM għandhom jiskadu fi tmiem l-2026 u l-GFCM hija mistennija tadotta miżuri fit-tul. Dawn huma mistennija jinkludu miżuri futuri għall-ġestjoni tal-ispeċijiet demersali fil-Baħar Adrijatiku u miżuri biex jiġu stabbiliti limiti annwali tal-qbid u tal-isforz tas-sajd taħt il-fażi permanenti tal-pjanijiet ta' ġestjoni. Jenħtieġ li l-GFCM tadotta miżuri ġodda għall-dawk l-istokkijiet fil-laqqha annwali tagħha li jmiss. Ladarba tkun saret il-laqqha annwali li jmiss tal-GFCM, il-proposta se tiġi aġġornata b'dokument informali.

C. Miżuri tal-GFCM fil-Baħar l-Iswed

1. kwota awtonoma għall-laċċa l-kaħla, abbażi ta' parir xjentifiku;

2. l-allokazzjoni tal-qabdiet totali permissibbli (TAC) u tal-kwoti għall-barbun imperjali skont il-pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-2017 tal-GFCM għas-sajd tal-barbun imperjali, adottata skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 (GSA 29), u emendata bir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/8.

Il-miżuri marbuta funzjonalment mal-opportunitajiet tas-sajd (eż. għeluq fiż-żmien riproduttiv) huma parti minn din il-proposta għax mingħajr dawn il-perjodi magħluqin (bħal dak għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed), ma kienx se jkun possibbli li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd fl-istess livelli. It-tul tal-perjodi magħluqin jaf ivarja skont l-istat tal-istokk kif ivvalutat mill-parir xjentifiku.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi għall-2027 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kunsill irid jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kundizzjonijiet marbuta funzjonament ma' dawk l-opportunitajiet tas-sajd, kif xieraq. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013¹ jipprevedi li l-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu allokati lill-Istati Membri b'mod li tkun żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk tal-ħut jew tip ta' sajd. L-Artikolu 16(4) ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu ffixxati f'konformità mal-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd stabbilita fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Għalhekk, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd jenħteġ li jiġu stabbiliti abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, filwaqt li jitqiesu aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi, u jkun żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, u jitqiesu wkoll il-fehmiet espressi tul il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.
- (3) Fis-47 laqgħa annwali tagħha tal-2024, il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/1 li tistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni fit-tul għas-sallura (*Anguilla anguilla*) kif previst fir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/16 dwar pjan ta' ġestjoni fit-tul għas-sallura (is-subżoni ġeografiċi (GSAs) 1 sa 27 tal-GFCM). Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/1 iżżomm għall-2027 il-perjodu magħluq ta' sitt xhur għas-sajd kummerċjali u projbizzjoni tas-sajd rikreattiv. Barra minn hekk, dik ir-Rakkomandazzjoni tillimita l-attivitajiet tas-sajd kummerċjali għall-frieħ tas-sallura għal perjodu ta' xahrejn u tippermetti dak is-sajd biss skont ċerti kundizzjonijiet. Dawk il-miżuri jridu japplikaw għall-ilmijiet marini kollha tal-Baħar Mediterran u għall-ilmijiet ħelwin, kif ukoll għall-ilmijiet salmastri, inkluż l-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet ta' tranżizzjoni, f'konformità ma' dik ir-Rakkomandazzjoni. Dawk il-miżuri jenħteġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ĠU L 354, 28.12.2013, pp. 22–61, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>.

- (4) Fis-47 laqgħa annwali tagħha tal-2024, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/2 li tistabbilixxi miżuri fit-tul għall-isfruttament sostenibbli tal-qroll l-aħmar (*Corallium rubrum*) kif previst fir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dwar pjan ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli tal-qroll l-aħmar fil-Baħar Mediterran (GSAs 1 sa 27 tal-GFCM). Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/2 iżżomm għall-2027 l-iffriżar tal-isforz tas-sajd espress bħala għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u limiti tal-ħsad għall-qroll l-aħmar. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.
- (5) Fis-46 laqgħa annwali tagħha fl-2023, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-lampuki (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Mediterran (GSAs 1 sa 27 tal-GFCM), li mill-2024 sal-2031 introduċiet limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta, iffriżar tal-kapaċità tal-irkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut (FADs) għal kull bastiment u limitu tal-qbid. Għas-sajd rikreattiv, dik ir-Rakkomandazzjoni tippredvi wkoll li jrid jiġi osservat limitu tal-qbid ta' kuljum. Dawk il-miżuri relatati mal-2027 jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.
- (6) *[Spazju RIŻERVAT tal-GFCM 49 Dolphinfinh]*.
- (7) Ir-Regolament (UE) 2019/1022² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill stabbilixxa pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qieġh fil-Punent tal-Baħar Mediterran (GSAs 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM). Dak il-pjan jistabbilixxi miri u miżuri għall-konservazzjoni fit-tul u l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet li jkopri. Dan jinkludi miżuri biex jinkiseb u jinżamm ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) għall-istokkijiet fil-mira, ikun żgurat li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi haġjin tal-baħar ireġġa' lura l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maħsuda, u jżommhom 'il fuq mill-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/1022 jenħtieġ li jiġu ffixxati f'konformità mal-firxa tal-valuri tal-mortalità mis-sajd li jwasslu għal MSY (meded tal-FMSY), jew f'livell inqas, u f'konformità mas-salvagwardji previsti f'dak ir-Regolament. Il-meded tal-FMSY huma stabbiliti fil-parir rilevanti tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Meta ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni xjentifika xierqa, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) u fl-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġu ffixxati f'konformità mal-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, f'konformità mal-Artikolu 4(6) ta' dak ir-Regolament.
- (9) Barra minn hekk, l-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu espressi, minn naħa, bħala l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, stabbiliti f'konformità mar-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1022 u, min-naħa l-oħra, bħala l-limiti tal-qbid massimi għall-gamblu l-aħmar (*Aristeus antennatus*) u għall-gamblu l-aħmar il-kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fl-ilmijiet fondi, il-koll stabbiliti f'konformità mal-parir xjentifiku u mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (10) *[Spazju RIŻERVAT għall-parir tal-STECF tal-Punent tal-Mediterran]*

² Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qieġh fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1022/oj>.

- (11) Biex jippromwovi l-użu tas-selettività tal-irkaptu tas-sajd u jistabbilixxi żoni magħluqin effiċjenti għas-sajd li jipproteġu l-frieġ tal-ħut u l-ħut riproduttiv, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110³ stabbilixxa mekkaniżmu ta' kumpens fir-rigward tar-reġim tal-isforz għall-bastimenti tat-tkarkir. *[Spazju riżervat għall-parir tal-West Med għall-mekkaniżmu ta' kumpens]*
- (12) F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1022, meta l-parir xjentifiku juri li l-bijomassa ta' stokk riproduttiv ta' xi wieħed mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament tkun anqas mill-punt ta' referenza prekawzjonarju tal-bijomassa (BPA), jew tkun anqas mill-punt ta' referenza tal-limitu tal-bijomassa (BLIM), għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju biex ikun żgurat ir-ritorn malajr tal-istokkijiet għal livelli oġġla minn dawk li kapaċi jipproduċu l-MSY. *[Spazju riżervat għall-miżuri ta' rimedju tal-Punent tal-Mediterran]*
- (13) Fl-44 laqgħa annwali tagħha tal-2021, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku (GSAs 17 u 18 tal-GFCM), li mill-2022 sal-2029 introduċiet livell tal-qbid massimu u limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta relatat għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u għall-bastimenti tat-tkarkir pelaġiċi li jimmiraw għall-ispeċijiet pelaġiċi żgħar. Dawk il-miżuri relatati mal-2027 jenħteġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.
- (14) *[SPAZJU RIŻERVAT għal 49 tal-GFCM dwar Stokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku].*
- (15) *[SPAZJU RIŻERVAT għal 49 tal-GFCM dwar Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku].*
- (16) Filwaqt li jitqiesu l-partikolaritajiet tal-flotta Slovena u l-impatt marġinali tagħha fuq l-istokkijiet tal-ispeċijiet pelaġiċi żgħar u fuq l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ, u f'konformità mal-paragrafu 33 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20, jixraq li jiġu ppreżervati x-xejriet tas-sajd eżistenti u jkun żgurat l-aċċess mill-flotta Slovena għal allokazżjoni minima tal-isforz għall-stokkijiet pelaġiċi żgħar.
- (17) Fil-45 laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12 sa 16 tal-GFCM), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/12 u GFCM/42/2018/5. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4 introduċiet reġim tal-isforz għall-merluzz u limiti tal-qbid għall-gamblu l-abjad (*Parapenaeus longirostris*), kif ukoll iffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Dawk il-miżuri relatati mal-2027 jenħteġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.
- (18) *[Spazju RIŻERVAT għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ tal-GFCM 49 fil-Kanal ta' Sqallija].*
- (19) Fil-45 laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu l-aħmar l-kbir u tal-gamblu l-blu u l-aħmar fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12 sa 16 tal-GFCM), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/7 u GFCM/43/2019/6. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/5 introduċiet limitu tal-qbid

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/110/oj>.

u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Dawk il-miżuri relatati mal-2027 jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

- (20) *[Spazju RIŻERVAT għall-gambli tal-GFCM 49 Fliegu ta' Sqallija]*.
- (21) Fil-45 laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/6 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu l-aħmar il-kbir u tal-gamblu l-blu u l-aħmar fil-Baħar Jonju (GSAs 19 sa 21 tal-GFCM), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/8 u GFCM/42/2018/4. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/6 introduċiet limitu tal-qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Dawk il-miżuri relatati mal-2027 jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.
- (22) *[Spazju RIŻERVAT għall-gambli Joniċi tal-GFCM 49]*.
- (23) Fil-45 laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-gamblu l-aħmar il-kbir u tal-gamblu l-blu u l-aħmar fil-Baħar Levantin (GSAs 24 sa 27 tal-GFCM), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/6 u GFCM/42/2018/3. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7 introduċiet limitu tal-qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Dawk il-miżuri relatati mal-2027 jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.
- (24) *[Spazju RIŻERVAT għall-gambli Levant tal-GFCM 49]*.
- (25) Fil-45 laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran (il-GSAs 1 sa 3 tal-GFCM), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/4, GFCM/43/2019/2 u GFCM/41/2017/2. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3 introduċiet għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bil-konz u bastimenti tas-sajd bix-xliet awtorizzati għas-sajd fil-Baħar Alboran. Fit-48 sessjoni annwali tagħha fl-2025, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/48/2025/7 dwar reġim tas-sajd fit-tul għall-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (GSAs 1 sa 3 tal-GFCM). Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.
- (26) *[SPAŻJU RIŻERVAT għall-paġella ħamra tal-GFCM 49]*.
- (27) Abbażi tal-parir xjentifiku tal-Grupp ta' Ħidma tal-GFCM għall-Baħar l-Iswed, il-livell attwali tal-mortalità mis-sajd għal-laċċa l-kaħla (*Sprattus sprattus*) jenħtieġ li tinżamm biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-laċċa l-kaħla fil-Baħar l-Iswed (il-GSA 29 tal-GFCM). Għalhekk jixraq li għal dak l-istokk tibqa' tiġi stabbilita kwota awtonoma.
- (28) Fis-47 laqgħa annwali tagħha tal-2024, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/8 li temenda r-Rakkomandazzjonijiet GFCM/43/2019/3 u GFCM/41/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed (GSA 29 tal-GFCM). Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/8 introduċiet qabda totali permissibbli (TAC) reġjonali aġġornata u skema ta' allokazżjoni tal-kwoti għall-barbun imperjali. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4, il-perjodu magħluq ta' xahrejn u l-limitazzjoni tal-jiem tas-sajd għal 180 fis-sena huma marbuta funzjonalment mal-opportunitajiet tas-sajd. Dawk il-miżuri relatati mal-2027 jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni għax, mingħajr dawk il-miżuri, it-TAC tkun trid tiġi stabbilita f'livell ieħor.

- (29) [Spazju RIŻERVAT għall-GFCM 49 għar-riport tal-kwota mhux użata tal-UE għall-barbun imperjali]
- (30) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009⁴, u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu b'rabta mar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforzi tas-sajd u n-notifika tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għaldaqstant jeħtieġ jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri jridu jużaw meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.
- (31) Biex tkun evitata l-interruzzjoni tal-attivitàjiet tas-sajd u jkun żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2027. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, u li jisfruttaw l-istokkijiet tal-ħut li ġejjin:
 - (a) is-sallura (*Anguilla anguilla*), il-qroll l-aħmar (*Corallium rubrum*) u l-lampuka (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Mediterran;
 - (b) il-gamblu l-blu u l-aħmar (*Aristeus antennatus*), il-gamblu l-abjad (*Parapenaeus longirostris*), il-gamblu l-aħmar il-kbir (*Aristaeomorpha foliacea*), il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Punent tal-Baħar Mediterran;
 - (c) l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u s-sardina (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adrijatiku;
 - (d) il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu l-abjad (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku;
 - (e) il-merluzz (*Merluccius merluccius*) u l-gamblu l-abjad (*Parapenaeus longirostris*) fil-Fliegu ta' Sqallija;
 - (f) il-gamblu l-aħmar il-kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu l-blu u l-aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija, fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levantin;
 - (g) il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran;

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj>.

- (h) il-laċċa l-kaħla (*Sprattus sprattus*) u l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed.
2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni, inkluż is-sajd rikreattiv, meta dawn ikunu jissemmew b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

Artikolu 2 **Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
- (a) “ilmijiet internazzjonali” tfisser l-ilmijiet li ma jinsabu fis-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni tal-ebda Stat;
 - (b) “sajd rikreattiv” tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;
 - (c) “qabda totali permissibbli” (TAC) tfisser:
 - i) fis-sajd soġġett għall-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-ammont ta' ħut li jista' jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;
 - ii) fis-sajd l-ieħor kollu, il-kwantità ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk tul il-perjodu ta' sena;
 - (d) “kwota” tfisser proporzjon tat-TAC allokata għall-Unjoni jew għal Stat Membru;
 - (e) “kwota awtonoma tal-Unjoni” tfisser limitu tal-qbid allokat b'mod awtonomu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fin-nuqqas ta' TAC maqbula;
 - (f) “kwota analitika” tfisser kwota awtonoma tal-Unjoni li għaliha jkun hemm disponibbli valutazzjoni analitika;
 - (g) “valutazzjoni analitika” tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet ta' stokk partikolari, imsejsa fuq data dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li l-analiżi xjentifika tagħha tkun indikat li hija ta' kwalità tajba biżżejjed biex skontha jkunu jistgħu jingħataw pariri xjentifiċi dwar l-alternattivi għall-qbid fil-ġejjieni;
 - (h) “irkaptu li jiġma' l-ħut” (FAD) tfisser kwalunkwe tagħmir li jżomm f'wiċċ il-baħar bl-oġettiv li jattira l-ħut.

Artikolu 3 **Żoni tas-sajd**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni tas-sajd li ġejjin:

- (a) “subżoni ġeografiċi tal-GFCM” jew “GSAs tal-GFSM” tfisser iż-żoni speċifikati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵;
- (b) “il-Baħar Mediterran” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;
- (c) “il-Punent tal-Mediterran” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;
- (d) “il-Baħar Adrijatiku” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;
- (e) “il-Fliegu ta' Sqallija” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;
- (f) “il-Baħar Jonju” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;
- (g) “il-Baħar Levantin” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 24, 25, 26 u 27 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;
- (h) “il-Baħar Alboran” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1, 2 u 3 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124;
- (i) “il-Baħar l-Iswed” tfisser l-ilmijiet tas-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/2124.

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI

KAPITOLU I

Il-Baħar Mediterran

Artikolu 4 *Is-sallura*

1. Dan l-Artikolu japplika għas-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, għall-ilmijiet salmastri u għall-ilmijiet ħelwin. L-ilmijiet salmastri jinkludu l-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet ta' tranżizzjoni.
2. Għandu jkun ipprojbit l-involvement f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali għas-sallura Ewropea, jew bħala speċi fil-mira jew bħala qabda aċċessorja inċidentali, għas-sallura ta' tul totali ta' aktar minn 12-il cm għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur. Għal dak il-għan, kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina perjodu magħluq wieħed jew aktar soġġetti għal dan li ġej:

⁵ Ir-Regolament (UE) 2023/2124 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (GFCM) (riformulazzjoni) (ĠU L, 2023/2124, 12.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2124/oj>).

- (a) fejn xieraq, il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq jistgħu jvarjaw fi Stat Membru wieħed minn żona tas-sajd għal oħra sabiex titqies ix-xejra tal-migrazzjoni ġeografika u temporali tas-sallura fl-istadji differenti tal-ħajja tagħha;
 - (b) il-perjodu/i magħluqin għandhom itulu mqar sitt xhur konsekuttivi, jew sitt xhur b'kollox f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3; and
 - (c) il-perjodu/i magħluqin għandhom ikunu konsistenti mal-oġettivi tal-konservazzjoni stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007⁶, mal-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali fis-seħħ, u max-xejriet tal-migrazzjoni temporali tas-sallura fl-istadju tal-ħajja rispettiv fl-Istat Membru kkonċernat.
3. Il-perjodu magħluq għandu jkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2027, u kull Stat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi perjodu magħluq addizzjonali ta' tliet xhur li jrid ikun bejn l-1 ta' April u t-30 ta' Novembru 2027.
 4. L-attivitajiet tas-sajd kummerċjali għas-sallura ta' tul totali ta' inqas minn 12 cm għandhom jiġu awtorizzati kull sena għal perjodu ta' xahrejn. Kull Stat Membru kkonċernat minn dan is-sajd għandu jinnomina istituzzjoni xjentifika li għandha tissorvelja s-sajd u tissorvelja l-ġbir u l-analiżi tad-data.
 5. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-għadd massimu ta' rkapti passivi awtorizzati biex jimmiraw għas-sallura li jkollha tul kumplessiv iżjed minn 12cm għal skopijiet kummerċjali ma għandhomx jaqbżu l-livelli stabbiliti fl-Anness I.
 6. Is-sajd rikreattiv tas-sallura fl-istadji kollha tal-ħajja għandu jkun ipprojbit.
 7. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar:
 - (a) il-perjodu ta' għeluq jew il-perjodi ta' għeluq li huwa jkun iddetermina f'konformità mal-paragrafi 2 sa 3 sal-1 ta' Marzu 2027;
 - (b) il-miżuri nazzjonali relatati mal-perjodu/i magħluqin li jkun iddetermina f'konformità mal-paragrafi 2 u 3, fi żmien ġimagħtejn mill-adozzjoni tagħhom; and
 - (c) il-perjodu awtorizzat għas-sajd tas-sallura li jkollha tul kumplessiv iżjed minn 12cm f'konformità mal-paragrafu 4, sal-1 ta' Marzu 2027.

Artikolu 5

Il-qroll l-aħmar

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jaħsdu l-qroll l-aħmar (*Corallium rubrum*) fil-Baħar Mediterran.
2. Għas-sajd immirat, l-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-kwantitajiet massimi tal-istokkijiet tal-qroll l-aħmar maħsuda mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni kif ukoll l-attivitajiet tal-ħsad tal-Unjoni ma għandhomx jaqbżu l-livelli stabbiliti fl-Anness II.

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura, ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2007/1100/oj>.

Artikolu 6

Il-lampuka

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet tas-sajd pelaġiku kummerċjali kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għal-lampuka (*Coryphaena hippurus*) bi rkapti li jiġmgħu l-ħut (FADs) fil-Baħar Mediterran. Japplika wkoll għas-sajd rikreattiv tal-lampuka fil-Baħar Mediterran.
2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u tunnellaġġ gross (GT, gross tonnage), ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għal-lampuka għandha tkun limitata kif stabbilit fl-Anness III.
3. L-għadd massimu ta' FADs għal kull bastiment awtorizzat jistad għal-lampuka għandu jkun limitat kif stabbilit fl-Anness III.
4. Il-livell tal-qbid massimu għal-lampuka ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness III.
5. Is-sajd rikreattiv għal-lampuka għandu jkun permess mill-15 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru u l-għadd massimu ta' qabdiet għandu jkun limitat għal 10 kg jew ħames ħutiet ta' kwalunkwe daqs għal kull persuna kuljum.

KAPITOLU II

Il-Punent tal-Baħar Mediterran

Artikolu 7

Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/1022 fil-Punent tal-Baħar Mediterran.
2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz għandu jkun limitat kif stabbilit fl-Anness IV. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1022 u mal-Artikoli 26 sa 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
3. Il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni għandhom ikunu limitati kif stabbilit fl-Anness IV.
4. Limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar (*Aristeus antennatus*) u għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Ligurja, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardinja għandhom ikunu limitati kif stabbilit fl-Anness IV.
5. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, kif stipulat fl-Anness IV, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:
 - (a) l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (b) it-tnaqqis u r-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

- (c) il-ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (d) il-kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew trasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (e) it-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 8
Mekkaniżmu ta' kumpens

[SPAZJU RIŻERVAT]

Artikolu 9
Miżuri ta' rimedju

[SPAZJU RIŻERVAT]

Artikolu 10
Reġistrazzjoni u trażmissjoni tad-data

1. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw u jibagħtu d-data dwar l-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u mal-Artikoli 56, 58 u 59 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2196⁷.
2. Meta l-Istati Membri jippreżentaw data lill-Kummissjoni relatata mal-isforz tas-sajd skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-gruppi tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

Il-Baħar Adrijatiku

Artikolu 11
Stokkijiet pelaġiċi żgħar

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u s-sardina (*Sardina pilchardus*) u l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fil-Baħar Adrijatiku.

⁷ Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2196 tas-17 ta' Ottubru 2025 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 fir-rigward tal-aċċess għall-ilmijiet u għar-riżorsi, tal-kontroll tas-sajd, tas-sorveljanza, tal-ispezzjoni u l-infurzar, tat-tnaqqis tal-kwoti u tal-isforzi tas-sajd, tad-data u l-informazzjoni, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 (ĠU L, 2025/2196, 12.11.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2196/oj).

2. Il-livell massimu ta' qabdiet ta' sardin u inċova ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness V.
3. Il-kapaċità massima tal-flotta, mogħtija f'kW, GT u l-għadd, ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar hija stabbilita fl-Anness V.
4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 12
Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ
[SPAŻJU RIŻERVAT]

Artikolu 13
Trażmissjoni tad-data

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jippreżentaw data relatata mal-ħatt l-art u mal-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni, dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet u l-kodiċijiet tal-gruppi tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU IV

Il-Fliegu ta' Sqallija

Artikolu 14
Il-merluzz u l-gamblu l-abjad

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-merluzz (*Merluccius merluccius*) u l-gamblu l-abjad (*Parapenaeus longirostris*) fil-Fliegu ta' Sqallija.
2. Il-kapaċità massima tal-flotta, mogħtija f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati li jistadu għall-istokkijiet demersali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, hija stabbilita fl-Anness VI.
3. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-merluzz (f'għadd ta' jiem tas-sajd), għall-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti (OTB) li jistadu għall-merluzz huwa stabbilit fl-Anness VI.
4. Il-livell tal-qbid massimu tal-gamblu abjad ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VI.
5. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 15
Il-gamblu l-abjad

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-gamblu l-aħmar il-kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu l-blu u l-aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija.
2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u GT, tal-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati biex jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu kif stabbilita fl-Anness VI.
3. Il-livell tal-qbid massimu ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VI.

Artikolu 16
Trażmissjoni tad-data

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jippreżentaw data dwar il-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet maqbuda lill-Kummissjoni dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU V

Il-Baħar Jonju u l-Baħar Levantin

Artikolu 17
Il-gamblu l-abjad

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-gamblu l-aħmar il-kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu l-blu u l-aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Jonju u fil-Baħar Levantin.
2. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'għadd ta' bastimenti, kW u tonnellaġġ gross (GT), tal-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati biex jistadu għall-istokk tal-gamblu l-abjad imsemmi f'dan l-Artikolu hija stabbilita fl-Anness VII.
3. Il-livell tal-qbid massimu ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VII.

KAPITOLU VI

Il-Baħar Alboran

Artikolu 18
Il-paġella l-ħamra

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd kummerċjali u rikreattiv mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) bil-konzijiet u bix-xlief fil-Baħar Alboran.
2. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VIII.

3. L-għadd massimu ta' konzijiet u xliet awtorizzati għas-sajd tal-paġella ħamra huwa stabbilit fl-Anness VIII.
4. Għandu jiġi stabbilit għeluq temporali bl-għan li jiġi protett l-istokk ewlieni matul ir-riproduzzjoni għal perjodi ta' mhux inqas minn 60 jum kontinwu. Tali għeluq għandu jidmug mill-inqas xahrejn u għandu jsir fil-perjodu minn Jannar sa Marzu 2027 u għandu jkopri ż-żoni ewlenin tad-distribuzzjoni tal-paġella ħamra fil-Baħar Alboran.
5. Is-sajd rikreattiv għall-paġella ħamra għandu jkun projbit.

KAPITOLU VII

Il-Baħar l-Iswed

Artikolu 19

Il-laċċa l-kaħla

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-laċċa l-kaħla (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar l-Iswed.
2. Il-kwota awtonoma tal-Unjoni għal-laċċa l-kaħla hija stabbilita fl-Anness IX.
3. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 20

Il-barbun imperjali

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed.
2. It-TAC għall-barbun imperjali applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed, l-allokazzjoni ta' din it-TAC fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbuta funzjonalment magħha, meta xieraq, huma stabbiliti fl-Anness IX.
3. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 21

Ġestjoni tal-isforz tas-sajd għall-barbun imperjali

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għall-barbun imperjali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 20, irrispettivament mit-tul kumplessiv tal-bastiment, ma għandhomx jaqbd u l-180 jum tas-sajd fis-sena.

Artikolu 22

Perjodu magħluq għall-barbun imperjali

Mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju 2027, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jwettqu xi attività tas-sajd għall-barbun imperjali, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord, il-ħatt l-art u l-ewwel bejgħ tal-barbun imperjali, fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed.

Artikolu 23

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar l-Iswed

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbilita fl-Anness IX għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

- (a) l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (b) it-tnaqqis u r-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
- (c) it-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 24

Trażmissjoni tad-data

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jippreżentaw data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet tal-laċċa l-kaħla u tal-barbun imperjali maqbuda fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar l-Iswed, dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2027.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President